# L-Aħbar

mill-Provinċja S. Pawl Apostlu - Malta

Nru. 201
Novembru 2015


## Fr. Ramon jagħmel il-Professjoni Solenni



It-Tnejn 7 ta'Settembru, fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija f'Ħat-Attard, f'quddiesa kkonċelebrata minn diversi Sacerdoti, saret il-Professjoni Solenni ta ħuna Fr. Ramon Farrugia, OFM. Kienet okkażjoni sabiħa fejn fraħna bħala Provinċja Franġiskana Maltija.

Iċ-ċelebrazzjoni kienet immexxija mil-Provinċjal P. Richard S. Grech bis-sehem ta' ħafna patrijiet, saċerdoti, qraba u ħbieb ta' Fr. Ramon. Kienet xi ħaġa tassew sabiħa ukoll il-parteċipazzjoni ta' bosta reliġjuzi oħra, fejn dawn anke taw is-servizz tagħhom waqt din l-istess ċelebrazzjoni. Wara komplejna naqsmu il-ferħ tagħna flimkien fiċ-ċentru Parrokjali.

Nawguraw lil Fr. Ramon għal din l-okkazjoni fejn qal l-'iva' tiegħu lil Mulej għal dejjem, u nawgurawlu ukoll li jkompli miexi l-quddiem u jissaħħaħ fis-sejħa li l-Mulej għoġbu jagħmillu. Ad Multos Annos!

## P. George Isqof koadjutur ta' Tripli

Il-Ġimgħa 4 ta' Settembru, P. George Bugeja, OFM ġie ordnat Isqof Koadjutur Appostoliku ta' Tripoli fil-Libja u Isqof Titulari ta' San Leone. L-Ordinazzjoni Episkopali saret fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna ta' Pinu fl-Għarb Għawdex.

Mgr. George Bugeja ġie Ordnat Isqof mill-Isqof Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, flimkiem ma diversi Isqfijiet oħra preżenti. Iktar informazzjoni mur fuq is-sit: www.ofm.org.mt



## Il-Provinċja tagħna parti Integrali minn Ordni kbir

Kultant jiġri li għax aħna ngħixu ġewwa gżira, inkunu xi ftit fil-mentalita' tagħna magħluqin u insulari, anke jekk illum għandna tant mezzi ta' komunikazzjoni li jgħinuna ninfetħu għad-dinja ta' madwarna. Huwa għalhekk dejjem importanti għalina li bħala Franġiskani nifhmu u nħossuna li aħna ma' aħniex Provinċja maqtugħa għaliha nfisha, imma niffurmaw parti integrali minn Ordni kbir li huwa mifrux mad-dinja kollha.

Xhieda ta' dan hija l-esperjenza li qiegħed nagħmel ta' Ministru Provinċjal, fin-numru ta' drabi li inkun imsejjaħ biex insiefer fuq xogħol kemm tal-Provinċja kif ukoll tal-Ordni tagħna. Din is-sena kienu bosta drabi li jiena kelli nagħmel dan. Nibda bl-hekk imsejħa "skola tal-Provinċjali ġodda" li attendejt għaliha f'Jannar li għadda. Ħmistax il-ġurnata ta' laqgħat ġewwa l-Kurja Ġenerali f'Ruma, flimkien ma numru mhux ħazin ta' Provinċjali u Kustodji ġodda mid-dinja kollha, ta' kull razza, kulur u lsien, imma kollha bl-istess sejħa. Laqgħat ta' informazzjoni u formazzjoni maħsubin biex ikunu ta' għajnuna fis-servizz li ġejna mitlubin nagħtu lill-aħwa u lill-Ordni.

Esperjenza oħra aktar kbira u intensa bla dubju ta' xejn kien il-Kapitlu Ġenerali tal-Ordni tagħ-

ikompli f'paġna 2

minn paġna 1

na li ċċelebrajna bejn Mejju u Ġunju aktar kmieni din is-sena. Esperjenza li tgħinek tifhem kemm huwa kbir u universali l-Ordni tagħna. Kien żmien sabiħ li fih tlabna, dħakna, iddiskutejna, xtarrejna, fassallna u flimkien iddeċidejna t-triq l-quddiem għas-sitt snin li ġejjin tal-Ordni tagħna. F'mument bħal dan ħassejt li kelli l-ħin kollu, aktar mis-soltu, lil kull wieħed mill-aħwa tagħna f'moħħi, f'qalbi u f'talbi, speċjalment fil-mumenti ta' talb li għamilna flimkien fis-santwarji Franġiskani, u b'mod partikolari ġewwa Santa Marija tal-Anġli, il-Porziuncola. L-istess mument ta' elezzjonijiet u tal-ħatra tal-gvern il-ġdid tal-Ordni, id-Definitorju Ġenerali, kien ukoll espressjoni ta' kolleġjalita' u ta' unita' fid-diversita'.

It-Tnejn, 12 ta' Ottubru, attendejt ġimgħa laqgħa tal-Konferenza tal-Lingwa Ingliża tal-Ordni tagħna li din id-darba seret ġewwa New York. Minn hemm bqajt sejjer, bilgħajnuna ta' Alla għal ġimgħa laqgħat oħra din id-darba ġewwa California, tas-Segretarjat tal-Missjoni u Evanġelizzazzjoni tal-ESC (English Speaking Conference).

F'Novembru imbagħad mistennі nieħu sehem f'laqgħa ta' tlett ijiem ġewwa Munich, il-Ġermanja, għall-Ministri Provinċjali tan-North Western Europe. Sejrin niltaqgħu, mingħajr ebda' obbligu ta' xejn, sabiex nixtarru l-possibilita' li jkun hemm Novizzjat komuni għal dawn il-Provinċji. Hija biss laqgħa esplorattiva, mingħajr ebda' impenji ta' xejn. Nemmen li xorta hija xi ħaġa valida ħafna li niltaqgħu u nitkellmu dwar opportunitajiet u possibilitajiet fl-aħjar interess tan-novizzi li jista' jkollna 'l quddiem.

Għalkemm ikolli nagħmel dan is-safar kollu, xorta waħda pero' ma nara imkien isbaħ u aħjar minn Malta u minn kamarti! Kemm huwa feeling sabiħ li wara jum xogħol u taħbit tħabbat wiċċek man-nies, tidħol ġewwa kamartek, tagħlaq il-bieb u tgħid, "Għall-erwieħ! Issa jien u Alla Sidi BISS!" Il-Mulej jagħti s-Sliem lilna lkoll!

*P. Richard S. Grech, OFM*
*Ministru Provinċjal*

(Aktar dettalji ta' dawn il-laqgħat fil-ħarġa li jmiss, jew fuq is-sit: www.ofm.org.mt)

## Jibda l-Formazzjoni għad-Djakonat



Fr. Ramon Farrugia, li bħalissa jinsab fil-Parroċċa San Gregorio VII ġewwa Ruma u li qiegħed itemm l-aħħar sena ta' studju tat-teoloġija ġewwa l-Pontificia Università Antonianum beda l-mixja ta' formazzjoni li għanda twasslu primarjament għall-Ordinazzjoni Djakonali s-sena d-dieħla.

Għal din it-tappa ta' formazzjoni Fr. Ramon ingħaqad mal i-SFAMO (Servizio di Formazione ai Ministeri Ordinati) tal-Provinċja Serafika ta' San Frangisk t'Assisi, fl-Umbrija; l-istess provinċja li fiha kien għamel is-sena tan-novizzjat ġewwa Assisi. Flimkien miegħu hemm 8 patrijiet oħra ta' din il-provinċja li ser jiltaqgħu għal jumejn ta' konferenzi kull xahar ġewwa Santa Maria degli Angeli, minn issa sa Mejju.

## Iġedded il-wegħdiet għal sena oħra



Is-Sibt 5 ta' Settembru fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù ir-Rabat, Fr. Clive Camilleri ġedded il-wegħdiet tal-kastita, ubbidjenza u bla xejn tiegħu għal sena oħra qabel jgħamel il-wegħda finali s-sena d-dieħla.

Hu għamel dan f'idejn il-Mastru P. Martin Coleiro, OFM assistit minn P. Joseph Ciappara, OFM u P. Godfrey Micallef, OFM waqt il-quddiesa tas-6.30pm.

Fr. Clive bħalissa jinsab fid-dar tal-formazzjoni ġewwa fil-Parroċċa San Gregorio VII ġewwa Ruma li tagħmel parti mill-Provinċja ta' Assisi u jinsab fl-aħħar sena tal-kors tat-Teoloġija fi ħdan Università Pontificia Antonianum ġewwa Ruma. Nawgurawlu u inwegħduħ it-talb tagħna.

## Novembru
## Appuntamenti

**09** ta' Novembru, Irtir Inter Religjuz f'Baħar iċ-Ċagħaq.

**14** ta' Novembru, Jum is-Sejħa Franġiskana: Sliema

**14** ta' Novembru, fl-10.30am Quddiesa gewwa l-Kappella tac-Ċimiterju tal-Addolorata.

**16** ta' Novembru, fid-9.30am gewwa Porziuncola Retreat House laqgha konguntа Definitorju Provincjali u Gwardjani u Superjuri Lokali.

**21** ta' Novembru, Jum is-Sejħa Franġiskana: Għawdex

### Birthdays - Novembru

01. P. Stephen Sciberras
09. P. Martin Coleiro
14. P. Julian Sammut
17. P. Christopher Farrugia
18. P. Victor Camilleri

### Festi - Novembru

04. P. Charles Grech
11. P. Martin Coleiro
15. P. Albert Micallef
26. Fr. Leo Ciantar

# *Il-Vanġelu, sfida dejjem ġdida*

Il-Papa Franġisku, kontinwament iħeġġeġ lil l-umanità kollha bil-Kelma qawwija tiegħu. Speċjalment huwa jħeġġeġ lil kull nisrani biex ikun aktar awtentiku fejn tidħol il-Fidi, filwaqt jistedina biex nerġgħu innislu mill-ġdid il-fiduċja tagħna fil-persuna ta' Ġesù Kristu u ngħixu bil-ferħ il-Vanġelu. Il-Vanġelu kontinwament jisfidna, x'nemmen, x'qed ngħix, fejn sejjer? Jisfidana għaliex il-Kelma t'Alla hi ħajja u qawwija, taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixfar; hija tinfed sa fejn jinfirdu minn xulxin ir-ruħ u l-ispirtu, u l-ġogi u l-mudullun; u tgħarbel il-*ħsibijiet u l-feħmiet tal-qalb* (Lhud 4:12). F'kelma waħda hija Kelma li kapaċi iva tibdel il-qalb tal-bniedem u tatiħ direzzjoni ġdida. F'Eżekjel, kap36:27, infatti insibu dan: 'Nagħtikom qalb ġdida, u ruħ ġdida nqiegħed ġo fikom; u nneħħi minn ġisimkom il-qalb tal-ġebel u nagħtikom qalb tal-laħam'. Bil-Vanġelu dejjem hemm bidla għall-aħjar.

Fil-messaġġ tiegħu għal Jum il-vokazzjonijiet 2015 il-Papa jikteb dan: 'Għeżież żgħażagħ, tħallux li qalbkom timtela bil-biża' li toħorġu minnkom infuskom u tibdew mexjin! Il-Vanġelu hu l-Kelma li teħles, tibdel u tagħmel il-ħajja tagħna isbaħ. Kemm hi ħaġa sabiħa li tħallu s-sejħa ta' Alla tissorprendikom, li tilqgħu l-Kelma tiegħu, li tmiddu l-passi ta' ħajjitkom fuq dawk ta' Ġesù, fil-qima tal-misteru divin u fl-għotja ġeneruża għall-oħrajn! Ma' kull jum li jgħaddi, ħajjitkom issir iżjed għanja u iżjed hienja!'

San Franġisk t'Assisi sab il-veru ferħ tiegħu fil-Vanġelu, il-Vanġelu bidel il-qalb u l-ħajja tiegħu. Int lest tilqa din l-isfida?

*P. Stephen Magro, OFM*
*Animatur Vokazzjonali*

## Antoine Galdes jibda l-Postulandat



L-Erbgħa 30 ta' Settembru, f'Ċelebrazzjoni privata mal-familjari, ħbieb u l-Fraternità Franġiskana tar-Rabat li hu se jkun jgħix fiha, Antoine Galdes minn Ħal-Qormi beda l-mixja Franġiskana bħala Postulant, esperjenza li se jkollu mal-Patrijiet idum sentejn biex fihom jiddixxerni s-sejħa tiegħu.

Antoine Galdes, twieled fit-13 ta' April, 1995. Hu ħass is-sejħa li jservi l'Alla b'mod aktar sħiħ bid-dixxerniment tiegħu filwaqt li kien Leader fil-Grupp taż-żagħżagħ 'Link'. Beda s-sixth form f'Giovanni Curmi Higher Secondary School fejn hemmek kompla jġib l-eżamijiet meħtieġa. Kien proprju f'dan ż-żmien li Antoine iltaqa' mal-Patrijiet Minuri fejn kompla b'esperjenzi vokazzjonali u d-dixxerniment tiegħu flimkien mad-direttur spiritwali.

### Tmiem il-ġimgħa Vokazzjonali fl-Iklin



Nhar l-24 u 25 ta' Ottubru, wara l-esperjenza sabiħa taż-Żjara Franġiskana fil-Parroċċa tal-Iklin ġie ċċelebrat Jum il-Ħajja Konsagrata.

Aħna l-Patrijiet Franġiskani flimkien ma ħutna s-sorijiet Franġiskani u s-sorijiet Klarissi, animajna l-quddies, wassalna messaġġ vokazzjonali u tlabna għal aktar vokazzjoniet reliġjużi fil-Knisja.

B'din l-esperjeza ridna nuru u nagħtu xhieda tas-sbuħija u l-valur tal-ħajja kkonsagrata. Għalhekk tlabna għal din il-Komunità parrokjali b'mod speċjali għaż-żgħażagħ biex jilqgħu l-messaġġ franġiskan u sejħa li jista' jagħmel il-Mulej biex jgħixu l-ferħ tal-vanġelu.

### Jiċċelebraw 25 sena professi



P. Anton Farrugia, OFM u P. Stephen Magro, OFM iċċellebraw il 25 sena mill-Professjoni Reliġjuża tagħhom.

P. Anton iċċelebra quddiesa ta' ringrazzjament nhar is-17 ta' Settembru fl-okkażżjoni tal-Festa tal-pjagi u l-ġurnata meta 25 sena ilu huma professaw. L-omelija kienet immexxija minn P. Twanny Chircop, OFM fil-Knisja ta' San Franġisk, il-Ħamrun; filwaqt li P. Stephen iċċelebra l-quddiesa nhar is-6 ta' Ottubru, bl-omelia minn P. Richard S. Grech, OFM Ministru Provinċjal fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, ir-Rabat.

Informazzjoni fuq il-Patrijiet u l-Kunventi fejn jinsabu. Ħdejn l-isem tinsab id-data tal-Ordinazzjoni Sacerdotali.

**Kunvent Santa Marija ta' Ġesu' - Rabat**
Triq San Pawl, Rabat RBT 1245 (T: 21454594)

| | |
|---|---|
| P. Godfrey Micallef ofm | 6 ta' April, 1957 |
| P. Richard Stanley Grech ofm | 25 ta' Awwissu, 1979 |
| P. Martin Coleiro ofm | 1 ta' Settembru, 1986 |
| P. Stephen Magro ofm | 28 ta' Mejju, 2011 |
| P. Joseph Ciappara ofm | 3 ta' Lulju, 2011 |
| Fr. Ġużepp Debono ofm | |

**Kunvent Santa Marija ta' Ġesu' - Valletta**
291, Triq San Pawl, Valletta VLT 1213 (T: 21234042)

| | |
|---|---|
| P. Alfred Tabone ofm | 14 ta' Marzu, 1959 |
| P. Raymond Camilleri ofm | 18 ta' Lulju, 1971 |
| P. Albert Micallef ofm | 3 ta' Lulju, 1976 |
| P. Raymond Falzon ofm | 10 ta' Lulju, 1983 |
| P. Marcellino Micallef ofm | 29 ta' Ġunju, 1984 |
| P. Twanny Chricop ofm | 7 ta' Lulju, 1985 |
| Fr. Leo Ciantar ofm | |

**Kunvent Madonna tas-Sacro Cuor – Sliema**
Triq il-Karmnu, Sliema SLM 1153 (T: 21331183)

| | |
|---|---|
| P. Norbert Ellul Vincenti ofm | 12 ta' Marzu, 1960 |
| P. Eddie Pace ofm | 15 ta' Marzu, 1970 |
| P. Charles Diacono ofm | 20 ta' Lulju, 1974 |
| P. Pawl Galea ofm | 3 ta' Lulju, 1976 |
| P. Alex Borg ofm | 10 ta' Lulju, 1983 |
| P. Tony Briffa ofm | 11 ta' Lulju, 1986 |

**Kunvent San Franġisk – Ħamrun**
Triq Il-Frangiskani, Ħamrun HMR 1224 (T: 21234316)

| | |
|---|---|
| P. Alfred Sciberras ofm | 11 ta' Marzu, 1967 |
| P. Mark Enriquez ofm | 29 ta' Marzu, 1969 |
| P. Ġwann Azzopardi ofm | 15 ta' Marzu, 1970 |
| P. Adrian Cachia ofm | 19 ta' Marzu, 1972 |
| P. Christopher Farrugia ofm | 10 ta' Lulju, 1987 |
| P. Anton Farrugia ofm | 12 ta' Lulju, 1988 |
| P. Charles Grech ofm | 12 ta' Lulju, 2002 |

**Kunvent Santa Marija tal-Anġli – Baħar iċ-Ċagħaq**
Triq ix-Xambekk, Baħar iċ-Ċagħaq NXR 5073 (T: 21378639)

| | |
|---|---|
| P. Julian Sammu ofm | 10 ta' Lulju, 1983 |
| P. Paul Attard ofm | 7 ta' Lulju, 1985 |
| P. Stephen Sciberras ofm | 5 ta' Lulju, 1995 |

**Kunvent Domus Pacis – Baħar iċ-Ċagħaq**
Triq il-Porziuncola, Baħar iċ-Ċagħaq NXR 5274 (T: 21370577)

| | |
|---|---|
| Fr. Lorrie Zerafa ofm | |
| P. Sebastian Camilleri ofm | 23 ta' Marzu, 1947 |
| P. Ġwann Micallef ofm | 6 ta' April, 1957 |
| P. Kerubin Galea ofm | 2 ta' April, 1960 |
| P. Ġużepp Camilleri ofm | 11 ta' Marzu, 1967 |

**Dar Frate Jacoba – Wied il-Għajn**
Triq Wied iż-Żiju, Wied il-Għajn MSK 2502 (T: 20995249)

| | |
|---|---|
| P. Raymond Scicluna ofm | 10 ta' Lulju, 1983 |
| P. Mark Ciantar ofm | 5 ta' Lulju, 1996 |

**Laboratorju tal-Paċi – Ħal Far**
Triq Ħal Far, Żurrieq, ZRQ 2609 (T: 21651552)

| | |
|---|---|
| P. Dijonisju Mintoff ofm | 7 ta' Awwissu, 1955 |

**Kunvent Sant'Antnin – Għawdex**
Triq Sant' Antnin, Għajnsielem GSM 9024 (T: 21556095)

| | |
|---|---|
| P. Joe Caruana ofm | 7 ta' Lulju, 1979 |
| P. Marcello Ghirlando ofm | 5 ta' Lulju, 1986 |
| P. Joseph Magro ofm | 12 ta' Lulju, 2002 |

## Aħwa barra minn Malta

***Awstralia***
Hobarth, Tasmania

| | |
|---|---|
| P. Edward Zammit ofm | 11 ta' Marzu, 1967 |

Adelaide, South Australia

| | |
|---|---|
| P. Gabriel Micallef ofm | 22 ta' Marzu, 1969 |

***Canada***

| | |
|---|---|
| P. Jimmy Zammit ofm | 13 ta' Ġunju, 1981 |
| P. Pierre Farrugia ofm | 24 ta' Ġunju, 2004 |

***Ingilterra***

| | |
|---|---|
| P. Victor Camilleri ofm | 22 ta' Marzu, 1969 |

***Art Imqaddsa***

| | |
|---|---|
| P. Noel Muscat ofm | 29 ta' Ġunju, 1984 |

***Italia***

| | |
|---|---|
| P. Sandro Overend ofm | 29 ta' Ġunju , 1984 |
| P. Walter Vassallo ofm | 29 ta' Ġunju, 2011 |
| Fr. Ramon Farrugia ofm | |
| Fr. Clive Camilleri ofm | |

## Isqfijiet

***Bengħazi*** (irtirat Malta)

| | |
|---|---|
| Mons. Silvestru Magro ofm | 11 ta' Mejju, 1997 |

***Comayagua Honduras***

| | |
|---|---|
| Mons. Robert Camilleri ofm | 24 ta' Lulju, 2004 |

***Juticalpa Honduras***

| | |
|---|---|
| Mons. Joe Bonello ofm | 12 ta' Frar, 2011 |

***Tripli Libja***

| | |
|---|---|
| Mons. George Bugeja ofm | 4 ta' Settembru, 2015 |

**L–AĦBAR** *mil-Provinċja San Pawl Apostlu - MALTA* - ***Editur:*** *Fr. Joseph Magro OFM*
***eMail:*** *jmagro@ofm.org.mt* - ***tel:*** *+356 21556095 - http://www.ofm.org.mt - www.fb.com/ofm.org.mt*